# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum 29 ta' Dicembru 2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nicholas Vella)**

**vs**

**Nunzio Fausciana**
**Salvatore Fausciana**

**Kumpilazzjoni Nru: 1166/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija

**Nunzio Fausciana** detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 72693(A).

**Salvatore Fausciana** detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 72694(A).

Akkuzati talli fis- 7 ta' Awwissu, 2014 ghal habta ta' 1200hrs (nofsinhar) gewwa dawn il-Gzejjer fil-Mosta, minghajr hsieb li joqtlu jew jqieghdu il-hajja ta' Alexander Abela f'periklu car, hebbew ghall-istess Alexander Abela u kkagunaw offici ta' natura gravi kif gie iccertifikat minn Dr.Elizabeth Cassar (Med.No 5511) mill-isptar Mater Dei.

Il-Qorti, giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-artikolu 412 (C) fejn tipprojbixxi lill-imputati milli javvicinaw lil Alexander Abela u r-residenza tieghu, familjari u kif ukoll il-post li tali persuna tiffrekwenta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputati ammettew l-imputazzjoni migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw il-pozizzjoni taghhom.

Rat li l-partijiet qed jaqblu li l-griehi sofferti mill-parte leza huma gravi fid-definizzjoni ta'l-artikolu 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet it-trattazzjoni dwart il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjoni migjuba kontra taghhom; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati,  x'wassal biex il-parte leza tmur tfittex lill-imputat Nunzio Fausciana u c-cirkostanzi li fihom bdiet il-glieda li wasslet ghall-feriment tal-parte leza[1]. Hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fedina penali ta'l-imputati li hija netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 215 u 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja ta'l-imputazzjoni migjuba kontra taghhom u tikkundannahom sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospieza ghal perjodu ta' erbgha (4) snin. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikoli 382A u 412C ta'l-istess Kapitolu 9 biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Alexander Abela qed tpoggi lill-imputati taht ordni ta' trazzin ghal perjodu ta' tlett (3) snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

---

[1] Ghandu jigi rilevat li f'dan l-incident anke l-inputat Nunzio Fausciana wegga' ghalkemm skond ic-certifikat esebiet jidher li l-griehi li huwa soffra huma ta' natura hafifa.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommettu reat iehor fiz-zmein prefiss.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**